

- 2) Mundipharma AG hija kkundannata għall-ispejjeż, esklużi dawk sostnuti minn ALK-Abelló A/S.
- 3) ALK-Abelló A/S għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġenerali (II-Ħames Awla) tal-4 ta' Marzu 2010 —  
Monoscoop vs UASI (SUDOKU SAMURAI BINGO)**

**(Kawża T-564/08)**

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SUDOKU SAMURAI BINGO — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]”

*Trade mark Komunitarja — Defnizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew f'indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(ċ)) (ara l-punti 18, 28, 35)*

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Settembru 2008 (Każ R 816/2008-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali SUDOKU SAMURAI BINGO bħala trade mark Komunitarja.

**Informazzjoni dwar il-kawża**

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Monoscoop BV
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali SUDOKU SAMURAI BINGO għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 28 u 41 — Applikazzjoni Nru 5769013
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Applikazzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Monoscoop BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Marzu 2010 —  
Euro-Information vs UASI (EURO AUTOMATIC CASH)**

**(Kawża T-15/09)**

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali EURO AUTOMATIC CASH — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009]”